L-Għaqda tal-Għalliema tal-Istorja
*History Teachers' Association*
Malta

4 ta' Settembru, 2013

Għażiż/a Għalliem/a tal-Istorja,

Wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-kumitat tal-Għaqda tal-Għalliema tal-Istorja għas-sena skolastika 2013-2014 se jkun iffurmat minn: Dr. George Cassar, President; Prof. Yosanne Vella, Viċi-President; is-Sa Pauline Cassar, Segretarja; is-Sur Alex Cutajar, Teżorier; is-Sur Adrian Zahra, PRO; u s-Sa Jennifer Bugeja, membru.

L-Għaqda torganizza attivitajiet bl-għan li jippromwovu t-tagħlim tal-Istorja. L-ewwel attività matul is-sena skolastika li ġejja ser tkun il-**Michael A. Sant Memorial Lecture** nhar il-15 t'Ottubru, 2013 u aktar informazzjoni tingħata dalwaqt. Din is-sena, il-membri kollha mseħbin fl-Għaqda ser jibbenefikaw minn **dħul b'xejn ta' darba fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann**, il-Belt Valletta. Ser tiġi organizzata wkoll ħarġa fl-Imdina fejn inżuru **Palazzo Falson** u naraw kif nistgħu nużaw dan il-post mal-istudenti tagħna. Hawn id-dħul ser ikun **b'xejn għall-membri tal-Għaqda**.

Il-ħlas tas-sħubija hu ta' **€5**. L-applikazzjoni tas-sħubija qegħda mehmuża.

Nistednuk ukoll biex tagħti ħarsa lejn **il-websajt tal-Għaqda** fuq http://htamalta.wordpress.com/ Hawn tista' issib informazzjoni dwar l-Għaqda tal-Għalliema tal-Istorja, l-għanijiet tagħha u lista ta' pubblikazzjonijiet fost oħrajn. Tista' wkoll issegwi l-*posts* tagħna fuq ***il-Facebook page*** *History Teachers' Association*.

Jekk trid tagħmel kuntatt magħna tista' tibgħat email fuq info.htamalta@gmail.com

Nirringrazzjak.

Saħħiet.

Alex Cutajar
Teżorier